# Intietef Mostin

MINN J.J. CAMILLERI
B.A., A.I.E. (LOND), M.A.

*1. Anniversarji*

❑ Fl-1427, 575 sena ilu madwar 18-il elf suldat minn Barberija ħabtu għall-Imdina. Il-Mostin batew f'dan l-attakk għax il-Misilmin għaddew mir-raħal.

❑ 455 sena ilu fil-Mosta kien hemm 1579 ruħ joqogħdu fi 344 dar.

❑ 410 snin ilu mietu ħafna Mostin u Naxxarin bil-pesta li ndifnu fil-kappella ta' Santa Margerita, fil-Mosta.

❑ 345 sena ilu nbnew mill-ġdid il-kappelli ta' San Anton Abbati u ta' San Silvestru.

❑ Lapida fuq il-bieb tal-Mitħna l-Qadima għandha d-data tas-sena 1757, tifkira ta' 245 sena ilu.

❑ 215-il sena ilu kien sar ftehim bejn il-Kappillani tal-Mosta u tan-Naxxar u l-Arċipriet tal-Katidral ta' l-Imdina dwar il-konfini tal-Mosta. Il-kustjoni inqagħlet fl-1783. Dun Salv Saver Bonnici, il-Kappillan tal-Mosta, sostna li l-parroċċa l-ġdida tal-Mosta kellha konfini żgħar, iżda l-Isqof f'sentenza li ta fit-8 ta' Awissu 1787 iddefinixxa x'kellhom ikunu l-limiti. Is-sentenza ma ntgħoġbitx u sar appell lis-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma. Billi l-appell kien se jinvolvi spejjeż kbar, ġie rtirat. L-Isqof ikkonferma l-ftehim kif tniżżel fl-atti tas-27 ta' Awissu, 1787, fit-12 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Il-Mosta sabet ruħha feles żgħir bejn żewġ limiti kbar, tan-Naxxar u tal-Katidral.

❑ Hemm il-kitba bil-Latin fuq il-portiku - Lill-Verġni Mtellgħa fis-Sema dan it-tempju l-Mostin bnew fl-1857 - ta' Ġorġ Grognet.

❑ Fl-1897, 105 snin ilu, il-Victoria Lines ħadu isimihom biex ifakkru il-Ġublew tad-Djamanti ta' għeluq snin ir-Reġina Victoria.

❑ Deskrizzjoni ta' l-għar f'Wied il-Għasel fejn hemm il-Kappella ta' San Pawl Eremita, insibuha fil-ktieb ta' l-istorja ta' Ġ.F. Abela, ta' l-1647, miktub 355 sena ilu.

❑ 315 sena ilu, il-kunjomijiet l-aktar komuni fil-Mosta kienu Galea, Fenech, Sammut u Camilleri.

❑ It-Tabib Tumas Chetcuti twieled 205 snin ilu.

❑ 383 sena ilu, miet Dun Ġwann Bezzina, Kappillan tal-Mosta, 355 sena ilu, il-Kappillan Salvu Muscat, u 305 snin ilu, il-Kappillan Salvu Dimech.

❑ 206 snin ilu, il-Kappillan kellu introjtu ta' 190 skud (madwar £15).

❑ 205 snin ilu laħaq Kappillan tal-Mosta Dun Ġużepp Farrugia, 115-il sena ilu, Dun Pawl Xuereb, u 95 sena ilu, Dun Pawl Mallia.

❑ 140 sena ilu miet Ġorġ Grognet, l-arkitett tar-Rotunda.

❑ 135 sena ilu twieled Dun Pawl Mifsud, mekkaniku inġenjuż u ta' ħafna talenti.

❑ 120 sena ilu twieled Mons. Edgar Salomone li kellu ħafna konnessjonijiet mal-Mosta.

❑ 113-il sena ilu miet Salvu Dimech, l-iskultur ta' l-istatwa ta' l-Assunta.

❑ 85 sena ilu miet GioMaria Camilleri, mgħallem ta' sengħa kbira tal-bini. Il-bini tal-knisja parrokkjali ta' l-Imġarr hu wieħed mix-xogħolijiet tiegħu l-aktar importanti.



**L-ewwel ġebla tal-post il-ġdid tal-M.U.S.E.U.M. fi Triq Papa Ġwanni XXIII**

❑ L-ewwel scouts fil-Mosta jafu l-bidu tagħhom lil Dun Edgar Salomone fl-1916. Sena wara, 85 sena ilu, ħadu l-isem Mosta Oratory Troop. Fl-istess sena l-Arċisqof Dom Mauro Caruana bierek l-ewwel bandiera tat-truppa.

❑ 75 sena ilu miet Dun Anġ Camilleri, il-Prokuratur tar-Rotunda li b'ħidmiet u tħabrik tiegħu saru l-aqwa opri fir-Rotunda.

❑ 65 sena ilu l-mitjar ta' Ta' Qali beda jintuża għall-ajruplani tal-passiġġieri. Dam sentejn.

❑ 60 sena ilu waqgħet il-bomba fuq ir-Rotunda. Id-disgrazzja fix-xelter ta' Triq Gafà.

❑ 43 sena ilu sar il-bankun għall-

Għal paġna 114

*Minn paġna 113*

istatwa ta' Santa Marija.

- ❑ Ħabta ta' 155 sena ilu l-pajjiż kien għaddej minn għaks kbir.
- ❑ Kummissjoni li ġiet Malta 165 sena ilu ssuġġerit aktar ftuħ ta' skejjel. Sena wara nfetħet skola f'Ħal Lija fejn kienu jmorru - jekk iridu - it-tfal tal-Mosta.
- ❑ 35 sena ilu nfetaħ il-post ġdid tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fi Triq Papa Ġwanni XXIII.
- ❑ 25 sena ilu għalaq it-Teatru Palladium fil-Mosta.
- ❑ 75 sena ilu l-votanti reġistrati Mostin kienu 553 għall-Assemblea Leġislattiva u 36 għas-Senat.
- ❑ 25 sena ilu bdiet issir il-festa tas-Sagra Familja fil-knisja tal-Bidnija.
- ❑ 5 snin ilu ġie inawgurat it-Teatru Grieg fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

### *2. Ismijiet u Kunjomijiet fil-Mosta*

#### *455 sena ilu*

Stefani, Blasio, Bendo, Vinnira, Blaś, Terimo, Iacubo, Pancratio, Nainu, Masi, Narde, Dimitri, Angilo, Zaccari, Lenio, Ximuni, Faniu, Luna, Lamma, Ianni, Pasculi, Cainel, Caili, Gileilo, Vennera, Laurini, Cheilo, Bastiani, Lemi, Francato, Mariola, Naino, Iorlando, Cataldo, Vintura, Malgarita, Manfrino, Cosimano, Natas, Sabella, Petrocci, Jorgi, Caspeno, Carita, Imperia, Vestro, Manfri, Attillo.

Cauki, Cumbo, Mellecħe, Bucagar, Bucaiar, Dijf, Hybeier, Mangun, Xikembri, Brandano, Farriuc, Maniun, Xebiras, Calfat, Chumi, Haiculina, Bezina, Pachi, Auis, Cusburella, Barbieri, Fenec, Sauco, Louaci, Camillerin, Grego, Lagu, Ibeir, Saura, Zuppard, Barthalo, Calie, Chabela, Falzun, Aiculina, Bormal.

#### *585 sena ilu*

Micheli, Muni, Nardu, Luca, Thumeu, Deunisi, Chiccu, Nuzu, Culjatu, Jakinu, Gamusu, Felu, Maltisi, Burasi, Daiona, Bertelli, Dinkille, Xeberasi, Lukisi, Chakim, Hajculina, Bindin, Muzangar, Haleu, Bartalu, Busitin, Bunichi, Faruge, Burgi, Barru.

### *3. L-Għerusija ta' Dari*

Aktarx illi l-ġuvni kien jintebaħ b'dik li kellha ssir is-sieħba tiegħu u jinġibed lejha waqt il-quddiesa. Kienet drawwa f'raħal żgħir li l-quddiesa ta' kmieni, tas-sitta ta' fil-għodu, kienet l-aktar popolari. Missier it-tifla jistenna li bintu tikber ftit, meta jasal iż-żmien li tiżżewweġ, iqiegħed qasrija tal-ħabaq fil-ħoġor jew fil-ħarrieġa tat-tieqa. Il-ġuvni jkun għassa u meta jara s-sinjal imur għand il-ħuttab u jqabbdu jwassallu l-kelma lil missierha. Il-ħuttab irid jitħallas għax dak kien xogħolu. Iż-żagħżugħ jagħtih, ngħidu aħna, karlin, hu jitlob tlieta jew aktar. Il-ħuttab mill-ewwel imur għand missier u omm it-tifla u jgħidilhom biż-żagħżugħ li tħajjar għaliha. Ma jonqosx li jfaħħarulhom, kemm hu bieżel, għaqli, tifel tajjeb u dak kollu meħtieġ biex jikkonvinċi lil missierha li t-tifel jixirqilha. Jekk it-tifla tkun għadha żgħira l-omm tkun tal-fehma li aħjar jistennew imma aktarx il-missier, jirraġuna li 'aħjar għasfur fl-idejn'. Meta t-tfajla issir taf bl-arranġamenti tifraħ. Ma jgħaddix wisq żmien li l-ġenituri taż-żagħżugħ ma jmorrux id-dar tax-

*Għal paġna 115*



*Minn paġna 114*

xebba. Missier it-tifla jgħidilhom x' bi ħsiebu jagħti dota lil bintu. Jitkellmu sa ma fl-aħħar jintlaħaq ftehim. Il-ġuvni issa jkun jista' jmur għand it-tifla darba fil-għodu. It-tifla kellha l-ordni biex toqgħod attenta biex ma toħroġx mid-dar jekk qabel ma tgħidx lill-maħbub tagħha. Jekk dan ma tagħmlux il-ġuvni kellu dritt jerġa' lura minn kellmtu. Fl-intervall kienet tiġi ffissata d-data taż-żwieġ. F'jum ir-rabta, li kienet issir tmint ijiem qabel iż-żwieġ, l-għarusa tagħtih iċ-ċurkett bil-flus tad-dota. Dakinhar issir ikla u l-qassis ibierek iċ-ċurkett.

### *4. Xi anniversarji oħra*

1303 L-awtorità tal-Papa iddikjarata bħala suprema (*unam sanctum*).
1472 Stampata għall-ewwel darba La Divina Commedia (mibdija fl-1314).
1477 William Caxton stampa l-Canterbury Tales (mibdija fl-1314).
1492 Ir-Re Ferdinandu keċċa l-Lhud minn Malta.
Il-Patrijiet Franġiskani Minuri ġew Malta.
Kristofru Kolombu sab id-dinja ġdida.
1507 IL-Papa Ġulju II ta l-indulġenzi lil min jagħti flus għall-bini ta' San Pietru.
1512 Biex tabib jew kirurgu seta' jipprattika l-professjoni tiegħu f' Londra, ħtieġu jkollu l-permess ta' l-Isqof.
1517 Martin Luteru pprotesta kontra l-għoti ta' l-indulġenzi.
1522 Il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ġew imkeċċijin minn Rodi.
1530 Il-Granmastru L'Isle Adam ġie Malta.
1542 Il-Papa Pawlu III daħħal l-Inkwiżizzjoni f' Ruma.
1547 Nostradamus beda jħabbar x'kellu jiġri fil-futur.
Il-Kavallier ta' San Ġwann Filippu de Bonleris nxteħet il-baħar ħaj ġo xkora għax kien qatel lill-Kavallier Michele Le Bes waqt li kien rieqed fuq ix-xini *Maria Maddalena*.
1552 Sar attakk fuq l-Imdina. Nibtet it-tradizzjoni li l-Maltin kellhom fuq l-għajnuna ta' Sant' Agata.
1567 Miet il-Granmastru Claude de La Sengle.
1577 Disputa fil-belt ta' Worms bejn il-Luterani u l-Kattoliċi.
Minħabba l-inkwiet li kellu mal-Granmastru Jean La Cassiere, l-Isqof Martino Royas kellu jitlaq lejn Ruma.
El Grego pitter L-Assunzjoni.
1582 Laħaq Granmastru, Hughes Verdala.
1587 Il-Madonna ta' Damaxxena, ikona li jingħad li pitter San Luqa, ittieħdet f'purċissjoni fil-knisja tal-Griegi fil-Belt.
1592 Ġew f'Malta l-Patrijiet Ġiżwiti.
1606 Bdiet tintuża l-ewwel darba fl-Italja l-furketta. Is-sikkina u l-imgħarfa kienu ilhom jintużaw.
1622 L-Isqof Baldassare Cagliares bena l-palazz tiegħu fil-Belt. Nefaq 12,000 skud.
Feġġet il-pesta f'Malta.
1642 Il-*Capitana de Malta* għerqet f' Capo Passero.
Is-Sorijiet ta' Santa Ursola marru l-Belt mill-Birgu.
Miet il-Granmastru Wignacourt.
1657 Imut Jean Paul Lascaris, jilħaq Martino De Redin bħala Granmastru.
Jidhru l-ewwel *fountain pens* f'Pariġi.
1677 Imut l-Isqof Fra Lorenzo Astirias u jindifen fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt.
1697 Miet il-Granmastru Adrien Wignacourt, laħaq floku Perellos.
1712 Miet l-Isqof Cocco Palmieri.
1722 Miet il-Granmastru Marc' Antonio Zondadari, laħaq Vilhena.
1727 Il-kafè miżrugħ l-ewwel darba fil-Brażil.
1732 Baħri qatel f'Bormla erba' kunjati. Hu, wara d-delitt, daħal jistaħba fil-knisja, it-tliet kompliċi ġew ikkundannati jaqdfu fuq ix-xwieni.
Daħlu fil-Port żewġ galeri pontifiċji. Saret festa abbord bil-ħruq ta' nar f'ġieħ San Ġwann Battista.
Fra Francesco Farrugia tneżża' mill-abitu ta' qassis mill-Qorti ta' Ruma għax infama lill-Granmastru.
Żewġ ilsiera li kienu fuq il-galera li kienet dieħla fil-port intlaqtu bi żball b'balla ta' kanun u mietu, tlieta oħra ġew feruti. Min ħa l-iżball weħel 250 skud.
Ġew mil-Lvant żewġ vapuri, *San Antonio* u *San Giorgio*, li ġabu magħhom sultana li kellha

*Għal paġna 116*

*Minn paġna 115*

fuqha l-Ammirall Halid Mehmet u 118-il ilsir.
Inqallbet dgħajsa f'SanĠiljan, għerqu tlettax-il ruħ.
Fis-27 ta' Marzu deher fis-sema dawl forma ta' kolonna jdur mal-gżira u li għamel ħafna sħana li dam bejn il-ħdax ta' bil-lejl u l-erbgħa ta' fil-għodu. Mas-sebħ instema' ukoll ħoss qisu terremot.
Il-Granmastru Ramon Despuig bagħat xwieni biex jgħinu lill-Bey ta' Tuneż li kien assedjat f'Susa min-neputih. Tah bħala rigal żewġ żwiemel, għaxar barrin u rigali oħra.
Sar ħafna talb fil-knejjes u purċissjoni ta' penitenza biex tagħmel ix-xita.
Dehret f'Malta kometa.
L-Inkwiżitur Carlo Francesco Dorini ta l-pussess lill-Kanonċi ta' San Pawl tal-Belt, Kolleġġjata mwaqqfa mis-Sacra Rota.
Daħlu fil-port minn Sqallija żewġ galeri taħt il-kmand ta' Elei Sanesi bil-ġifen Tork Alġerin li kellu rmunkat miegħu parzana Venezjana mimlija qamħ li kienet inqabdet. Fuq il-ġifen kien hemm 45 Alġerin u 3 renegati.
1772 Il-Papa Klement XIV xolja l-Kumpanija tal-Ġiżwiti.
1777 Il-Papa Piju VI jirrestrinġi f'Malta l-immunità ekklesjastika tal-knejjes.
1797 Ferdinand Hompesch laħaq Granmastru mal-mewt ta' De Rohan.
Artillieri Maltin spalla ma' spalla ma' suldati Ingliżi fil-Portugall.
1802 It-Trattat ta' Amiens jerġa' jagħti l-gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann.
1807 Imut l-Isqof Vincenzo Labini, jilħaq floku Mons. Ferdinando Mattei.
1812 Tirtira l-Armata Franċiża minn Moska. Minn 550 elf suldat baqgħu ħajjin 20 elf.
1822 Il-propjetà immobbli li takkwista l-Knisja kellha tinbigħ fi żmien sena jew taqa' propjetà tal-Gvern.
1832 Inbagħat Memorjal lill-Gvern Ingliż għat-twaqqif ta' Kunsill Malti.
1837 Titfaċċa fl-isptar tal-Furjana l-kolera. Tinfirex mal-gżejjer Maltin u jmutu aktar minn 4250 ruħ.
Issir talba biex Għawdex isir djoċesi. L-Arċisqof F.S. Caruana ma ridx dment li hu jibqa' ħaj.
Tintbagħat Ordinanza lis-Segretarju ta' l-Istat dwar l-istampa ħielsa f'pajjiżna.
1847 Jilħaq Richard More O'Ferrall Gvernatur ta' Malta.
1857 Mons. Gaetano Pace Forno jilħaq Koadjatur bid-dritt għas-suċċessjoni ta' Isqof.
1862 Kien hemm il-probabilità li l-Papa Piju IX jiġi joqgħod Malta.
1867 L-Amerka xtrat l-Alaska mingħand ir-Russja.
1872 Jidħol fl-Ingilterra l-użu tal-vot sigriet fl-elezzjonijiet.
Jilħaq Gvernatur ta' Malta Charles van Straubenzee.
1877 F'Malta kien hemm stat ferm ħażin finanzjarju. Ġie F. Rowsell biex iħejji rapport.
1882 Massakru ta' 50 Ewropej f'Lixandra. Riżultat tiegħu ġew f'Malta 'l fuq minn 6 elef refuġjat.
1902 Enrico Caruso jagħmel l-ewwel recording (154 b'kollox).
1907 Dun Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.
1912 Il-Prim Ministru Ingliż Asquith, ir-Re Ġorġ u r-Reġina Mary ġew Malta.
Saret l-ewwel qabża bil-paraxut minn ajruplan.
1927 John L. Baird jagħmel l-ewwel televixin.
1932 Il-Partit Nażista jtella' 230 deputat fir-Reichstag u jsir l-akbar wieħed fil-Ġermanja.
Campell saq il-karozza tiegħu Bluebird b' veloċità ta' 253 mil fis-siegħa.
1947 F'Pariġi Christian Dior daħħal il-moda ta' l-ilbies 'new look'.
1957 Fl-Amerka għadda l-Att favur id-drittijiet ċivili.


**IL-BAR TAL-KAŻIN TA' SANTA MARIJA TAL-MOSTA**

**fejn issib atmosfera ta' hbiberija u ambjent familjari kif ukoll kull xorta ta' snacks, xorb ġenwin u appetisers**

**Victor u l-familja jixtiequ l-Festa t-Tajba lil kulhadd**